MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Numru. 1003/2008

Il-**Pulizija**

**Assistent Kummissarju Norbert Ciappara**

**VS**

**Eman Cassar, iben Michael u Ines nee' Caruana, imwieled Tal Pieta' nhar l-20 ta' Settembru, 1984, detentur tal-karta tal-identita' numru 576684M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Eman Cassar**, li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta' Ottubru, 2008, u matul l-ahhar ghaxar xhur ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-Disposizzjoniijet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. U aktar talli f’dawn l-ahhar ghaxar xhur ta’ qabel is-17 ta’ Ottubru, 2008, biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabs, jew f’xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, kellu munizzjon ta’ arma tan-nar meta ma kellux licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;
6. U aktar talli kkommetta reat meta kien fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta’ April, 2008, liema sentenza saret wahda finali u definittiva, u ma tistax tinbidel.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe’ l-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluzi;

Rat illi fl-interrogatorju, wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi, kif migjuba kontra tieghu.

Rat ukoll li maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni ai termini tal-Artikoli 22(2) u 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, gia' msemmi.

Intbaghtu wkoll l-Artikoli taht il-Kapitoli 480 u 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe':

1. Fl-Artikoli 3, 5, 51(1)(b), 56, u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 28A, 28B, u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kusens tieghu ghal proceduri sommarji, (folio 186).

Ghaddiet il-Qorti, in ezami tal-akkuzi dedotti, biex tifli l-provi mressqa mill-Ufficjal Proskutur.

Xehed dak iz-zmien l-**Ispettur Norbert Ciappara**, illi qal illi fuq informazzjoni dwar traffikar ta' droga li rcevew hu kif ukoll l-Ispettur Pierre Grech, bdew isiru investigazzjonijiet fuq l-inhawi ta' Fuq San Pawl, Bormla. Dan kien jirrigwardja eroina u cannabis. Ghalhekk gie maqbud mill-pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga l-imputat.

Xehed – pero ghal dan ma kinx prezenti, illi fuq tfittxija li saret fuq l-imputat, instabu dak illi gie deskritt lilu mill-pulizija, qratas. Qal illi l-pulizija sabu ammont ta' circa mitt(100) gramma eroina, anke li Cassar minn jeddu tahom mitt(100) gramma ohra eroina, u tliet pakketti ohra ta' xi gramma-il wiehed, allura skontu b'kollox madwar mitejn u tletin(230) gramma. Qal illi hu sussegwentement, ha stqarrija lill-imputat, fejn ammetta mieghu l-bejgh tal-eroina, dan in support tal-habit tieghu. qal anke li kkonfrontah b'xhieda guramentata li saret kontra tieghu.

Saret anke Inkjesta f'dan ir-rigward. Qal ukoll illi gew elevati s-somma ta' hames mija u hames Ewro (€505) u hames mija u erbghin Ewro (€540). Ezebixxa l-istqarrija tal-imputat bhala Dok NC, folio 14; kif ukoll l-ircevuta tal-flus sekwestrati bhala Dok NC1, folio 17.

Aktar tard l-istess Spettur xehed dwar il-permess ta' armi li ghandu mahrug favur tieghu l-imputat, qal illi Eman Cassar ma kinx licenzjat biex izomm xi munizzjon fil-pussess tieghu.

Minn naha tieghu, l-**Ispettur Pierre Grech** xehed illi waqt dawn l-investigazzjonijiet, hu kien interroga lil certu Jesmond Azzopardi li kien irrilaxxa zewg stqarrijiet fejn zvela minn fejn kien jixtri r-rezina tal-cannabis. Ta dettall li dan Cassar kellu tieqa fit-tarag tieghu, sahansitra taghti ghal tarag wara l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla. Xehed l-Ispettur illi dan Azzopardi kien qallu li kien xtara fl-ahhar erba'(4) xhur, tmienja(8) jew ghaxar(10) darbiet. Ikkonferma li anke kien igguramenta l-istess stqarrija.

Xehdu wkoll il-pulizija li kienu '*on site*' involuti direttament f'din l-investigazzjoni, stqarrija u sussegwenti arrest.

**PS 1086 Johann Micallef** xehed illi hu kien involut fi tfittxijiet li saru gewwa Bormla fejn jghid illi ra lill-imputat hiereg mir-residenza tieghu. Qal illi minn fuqu, hu u PC 213 hargu zewg pakketti tas-sigaretti - pakkett minnhom kontenenti hames mija u hames Ewro (€505), u iehor li kellu fih qratas tal-karti. Qal illi bic-cwievet ta' Cassar dahlu fir-residenza tieghu, u wara tfittxija fil-kamra tieghu gew migbura straw tal-fidda - skondtu wzata, u s-somma ta' hames mija u erbghin Ewro (€540). Zied illi mill-kamra tas-sodda tal-omm, PC 213 sab kaxxa taz-zraben li kien fiha kantuniera ta' borza bi trab kannella. Qal illi hu beda jistaqsi lil Cassar jekk kellux xi haga ohra, u dan minn jeddu indikalhom kaxxa ohra hamra li kien fiha borza ohra bi trab kannella, kaxxa tal-landa bi tliet kantunieri bi trab kannella, u borza ohra bi trab kannella, u borza b'sittax(16)-il bullet. Fuq indikazzjoni moghtija lilu mill-istess Cassar, gabru mizien elettroniku mill-post fejn fil-fatt indikalhom. Anke wrieh il-pouch vojt tal-arma tan-nar, stante li skont ma qallu l-istess Cassar, kien nehha l-arma granet qabel, cioe' kien bieghha.

**PC 213 Nicolai Borg**, xehed ukoll dwar it-tfittxija li ghamel fuq il-persuna tal-imputat, meta gie arrestat gewa Bormla. Xehed illi fil-but sablu pakkett tas-sigaretti b'ammont ta' flus, u f'but iehor qartas b'sustanza suspettata eroina. Dwar it-tfittxija fil-kamra tieghu, xehed illi nstabu foil irrumblat, ammont iehor ta' flus, u meta fittex fil-kamra ta' ommu sab go xi kxaxen borza bi trab kannella suspettat eroina. Qal illi minn jeddu l-imputat iddecieda li jaghtihom izjed xoghol. Ghalhekk f'kaxxa taz-zraben sabu borza ohra bl-eroina u borza bil-bullets fiha. Qal illi wara waslu tal-Forensic u ssigillaw kollox.

Gew ezebiti wkoll kemm il-Proces Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti dwar din is-sejba in ezami; kif ukoll zewg xhieda guramentati – ta' Jesmond Azzopardi u Clayton Fava, ai termini tal-Artikolu 24A (12)(13) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk **PS 164 Robert Scicluna** pprezenta r-relazzjoni tieghu bhala Dok RS, kontenenti tlieta u ghoxrin (23) ritratt tas-sejba.

Minn naha tieghu **PS 1261 Charles Pace**, ukoll ezebixxa r-relazzjoni tieghu, Dok CP, ta' affarijiet minnu elevati kif jidher mil-istess relazzjoni mill-fond Block 5, No 1, Triq Fuq San Pawl, Bormla. L-inkarigu tieghu kien ta' SOCO. Ghadda diversi oggetti elevati lil Godwin Sammut ghall-analizi tal-istess.

**Godwin Sammut** minn naha tieghu, ghamel l-anlizi lilu nkarigata, u kkonkluda hekk:

"

*Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 324_08_01, 324_08_02, 324_08_03, u 324_08_06, instabet is-sustanza **Eroina**. Il-piz tat-trab kien ta' **228.37 grammi** u l-purita' kienet ta' circa **30%**. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi fuq swabs mehuda minn fuq l-aluminium foil u l-mizien illi hemm fid-dokumenti 324_08_04 u 324_08)05 rispettivament, instabu s-sustanzi **Eroina** u **Kokaina**. Dawn is-sustanzi huma kkontrollati bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Skont il-Malta Drug Situation Report, Eroina fl-2006 kienet tiswa €46 kull gramma. Ghalhekk il-valur tad-droga Eroina huwa ta' €10,505.02.*"

Ittellghu jixhdu z-zewg persuni li kif gia' premess taw xhieda guramentata fil-konfront ta' xiri ta' droga minghand l-imputat.

**Clayton Fava**, irrilaxxa stqarrija, sussegwentement iggurament aha quddiem il-Magistrat Antonio Mizzi. Nonostante proceduri pendenti, Fava ghazel illi jixhed quddiem din il-Qorti. Qal illi hu kien gie mitkellem fuq bicca smoke, haxixa. Qal illi din kien xtraha minghand Eman l-imputat.

Qal illi hu kien gie mwaqqaf mill-pulizija u li fuqu kienu sabu bicca blokka tal-hamsa li kien ilu xi hames(5) minuti li xtraha. Zied illi hu kien jixtri minghand Eman xi darbtejn fil-gimgha, dan ghal madwar xahar. Kien ihallsu hames liri Maltin (Lm5.00).

Fl-istqarrija guramentata qal ukoll illi hu kien mar Bormla biex igib bicca smoke, haxixa. Qal illi kienu qalulu bih. Qal illi kien waqaf wara l-ghassa fejn kien hemm

tarag. Qal illi dan hemm kellu t-tieqa tad-dar, tela' tliet indani tarag, u habbatlu mat-tieqa.

Qal illi kien xtara bi hdax(11)-il Ewro (€11) smoke, u li kien jixtri minghandu madwar darbtejn fil-gimgha, u li qabel kien izommlu hames liri Maltin (Lm5.00), issa hdax-il Ewro (€11).

In kontro ezami, gie mistoqsi qabel minghand min kien jixtri d-droga f'dawk ix-xahrejn li skondtu ma xtarax minghand l-imputat. Qal illi minghandu, cioe' l-imputat, kien xtara biss haxixa, mentri smoke kien xtara minghand haddiehor minn Tal-Hawli. Qal illi hu lill-Ispettur kien qallu biss dwar l-smoke, ghax kienu qabduh biss bil-haxixa, allura ma semmix l-eroina.

Minn naha tieghu **Jesmond Azzopardi** xehed kemm quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn igguramenta l-istqarrija, kif ukoll quddiem din il-Qorti, issa li l-kawza tieghu kienet anke maqtugha.

Qal illi hu kien gie nvestigat mill-Ispettur Grech fuq pussess ta' smoke, haxixa. Ikkonferma li hu kien ta nformazzjoni lill-Ispettur minn fejn kien jakkwista fis-sens ta' jixtri l-haxixa, indika lil Eman. Mistoqsi kemm kien ilu jixtri minghandu, wiegeb "*xhur*" (folio 170). Qal illi kien xtara xi erba'(4) darbiet minghandu, kull darba b'hamsa u ghoxrin Ewro (€25).

Fl-istqarrija guramentata qal illi Eman kien jaghti d-droga minn go tieqa li taghti ghal go tarag, kien jghaddilu d-droga minn hemm. Qal illi kien icempel lil Eman fuq il-mobile tieghu. Qal illi minghand Eman xtara tminn(8) darbiet f'erba'(4) xhur. Gharaf anke r-ritratt li minn fuqu fl-investigazzjoni kien identifika lill-imputat.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2012, il-Qorti kif gia' premess, anke qrat l-Artikoli ghal liema l-imputat ta l-kunsens tieghu. Mal-Artikoli ntbaghtet il-Kontro Ordni u ghalhekk il-Qorti halliet il-kawza ghall-provi tad-Difiza. Dakinhar stess, id-Difiza talbet kopja tal-process. Anke f'seduta sussegwenti, kellhom jigu ndikati liema xhieda d-Difiza riedet in kontro ezami.

Aktar tard, meta l-Qorti rat illi ebda xhud in kontro ezami ma gie mitlub, il-Qorti anke ordnat illi jigi ndikat lill-Ufficjal Prosekutur liema kienu x-xhieda mehtiega biex ikun jista' jingungiehom.

Fis-seduta tad-19 ta' Gunju, 2013, il-Qorti ghaddiet kopja tal-process - hafna zmien wara li kien ilu ordnat mill-imputat, stante li dan baqa' qatt ma ngabar. Ghaddiet biex thalli l-kawza ghall-ahhar darba ghall-provi tad-Difiza.

Fis-seduta sussegwenti ma regghu ngabu ebda provi, ghalhekk il-Qorti halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni.

Fis-seduta sussegwenti l-partijiet, bi qbil bejniethom, talbu differiment. Il-kawza regghet thalliet ghat-trattazzjoni, pero fis-seduta sussegwenti, nonostante li l-imputat kien notifikat fl-Awla, ma deherx. Hawn, considerando t-trapass ta' zmien li ghadda bla ma qatt tressqu provi in difesa, il-Qorti halliet din il-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Bdiet billi rat l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, moghti d-debita twissija skont il-Ligi. Ovvjament, stante s-sena li ttiehdet fiha, 2008, din saret minghajr id-dritt ta' konsulenza legali. Kif kellha gia' diversi opportunitajiet tikkummenta din il-Qorti, varji kienu d-decizjonijiet moghtija mill-Qrati taghna li jistabilixxu li tali nuqqas ma jirrendix l-istqarrija inammissibbli. Wiehed irid jezamina c-cirkostanzi li ttiehdet fihom, b'mod partikolari l-vulnerabbilta' tal-investigat f'dak iz-zmien tat-tehid.

Ikkunsidrat ghalhekk, illi meta giet rilaxxata din l-istqarrija, l-imputat kellu l-eta' ta' erbgha u ghoxrin(24) sena, certament mhux tifel zghir! Aktar u aktar, saljenti l-istat tal-fedina penali tieghu, jidher illi hu kien gia' xellef difrejh mal-gustizzja minn eta' hafna izjed tenera – konsegwentement hija tal-fehma din il-Qorti, illi l-imputat m'ghandux jigi kkunsidrat bhala persuna vulnerabbli fil-hin illi hu rrilaxxa l-istqarrija.

Taghmel referenza wkoll din il-Qorti, ghal dak illi gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt Kevin Farrugia) vs Robert Busuttil; omissis; omissis" deciza nhar l-20 ta' Frar, 2014 fejn irriteniet hekk:

"

*Jibda biex jinghad illi l-kawza Kostituzzjonali Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali ikkwotat aktar minn dak illi irriproduciet l-ewwel Qorti. F'pagna 12 tal-istess sentenza l-Qorti tal-Appell qalet, "Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta' smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur." F'paragrafu 33 tal-istess sentenza jkompli jinghad, "... l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu l-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista' jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-*

*istqarrija jekk tingieb xhieda ... li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jewe theddid ...". Din is-sentenza giet ikkwotata b'success fil-kawza l-ohra John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali u kompliet tghid, "Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq." (pagna 10).*

*Din il-Qorti kif preseduta kellha l-okkazjoni ukoll tippronuncja ruhha ukoll fuq dan il-punt fil-kawza Il-Pulizija versus Paul Cutajar (Appell Inferjuri) Ghawdex fit-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013) fejn ikkristallizzat is-sitwazzjoni f'dan il-bran: "Dwar dan l-ahhar ilment l-istqarrija kellha tkun sfilzata il ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija recentement (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali u Ganni Attard versus Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità tal-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija."*

*Ghalhekk meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra l-valur probativ ta' stqarrija f'dawn ic-cirkostanzi trid tqis ukoll il-vulnerabiltà tal-persuna arrestata u l-età taghha huwa fattur importanti ghax hekk biss tista' tevita l-periklu illi tasal ghall-konkluzjoni illi persuna tinstab hati meta ma kellux jinstab hati.*"

Issa, minn ezami tal-istqarrija, jidher illi l-imputat, ghalkemm fil-bidu, kif kien drittu, ghazel illi ma jixhidx, ftit wara ammetta li kien ilu jbiegh eroina biex jissaportja l-habit tieghu. Innega li hu kien qieghed jittraffika r-raza tal-cannabis. Ammetta wkoll illi kellu arma ghal sitt(6) xhur, 25mm semi-automatic, li kien biegh versu l-prezz ta' hames mitt Ewro (€500). Qal ukoll illi hu kien xtara mitejn (200) gramma eroina, verzu l-prezz ta' elfejn Ewro (€2,000). Dwar l-uzu tad-droga qal illi kien juza zewg grammi kuljum.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi dedotti huma dawk ta' traffikar ta' droga, pussess mhux ghall-uzu esklussiv tieghu taghha, traffikar ta' cannabis jew preparazzjonijiet tal-bazi ta' raza, pussess ta' raza cannabis, zamma ta' munizzjon bla licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll il-ksur ta' sentenza sospiza.

Issa certament, mix-xhieda ta’ Clayton Fava u Jesmond Azzopardi, jirrizulta bla dubbju li l-imputat kien certament qieghed jittraffika l-haxixa. Oltre dan giet misjuba ghandu ammont konsiderevoli ta’ droga eroina, anke barra minn fuq il-persuna tieghu. Tfakkar il-Qorti, illi skont il-konkluzjoni ta’ Godwin Sammut, dan kellu globalment l-ammont mhux negligibbli ta’ 228.37 grammi eroina, li kellu valur mhux negliglibbli ta’ ghaxart elef hames mija u hames Ewro, u zewg centezmi (€10,505.02). Illi dawn ic-cirkostanzi, flimkien mal-qratas u l-flus misjuba, u anke l-mizien mormi (skont l-imputat ghax ma kinx jahdem), iwasslu lill-Qorti ghall-konkluzjoni li Cassar kien ukoll qed jittraffika l-eroina.

Jinghad ukoll illi nstabu ghandu tracci ta’ kokaina, pero hu ma gie addebitat b’ebda akkuza f’dan ir-rigaward. Ma giet prezentata ebda sentenza in sostenn tal-ksur tas-sentenza sospiza, allura certament minn dan l-addebitu ghandu jigi liberat, u dan wara li rat l-Artikoli 28A, 28B, u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi qieghda in vista’ ta’ dak kollu premess, issib htija fil-konfront tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza (assorbita fl-ewwel wahda), it-tielet akkuza, ir-raba’ akkuza, u l-hames akkuza, ghalhekk htija fil-konfront tal-akkuzi tal-eroina, cannabis, u r-raza taghha, u l-munizzjon, u dan wara li rat l-Artikoli 8, 9, 10, 11, 22, 22(1B), 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; GN 292.1939; LS 101.2002, l-Artikloli 3, 5, 51(1)(b) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta; rat ukoll l-Artikoli 17, u 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, qieset illi l-imputat minn jeddu anke ta aktar xoghol ta’ droga lill-pulizija waqt it-tfittxija taghhom. Allura qieset anke l-koperazzjoni tieghu, konsegwentement qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ hames (5) snin, u ghal multa ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000).

Considerando dak li kien xehed Ray Grech ghan-nom tas-Sedqa, tirrakkomanda li l-imputat jinghata kull opportunita’ li jkompli jew jithalla jsegwi programm kontra l-abbuz tad-droga u li jinghata kull ghajnuna ghal dan l-iskop.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundanna lil Eman Cassar ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ tliet mija tnejn u disghin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€392.57);

Tali hlas ghandu jsir fi zmien xahar (1) minn meta jigi rilaxxat mill-Habs.

Tordna wkoll il-konfiska a favur tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-munizzjon ezebiti.

Tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta’ Malta tal-flejjes maqbuda u ezebiti.

Tordna wkoll illi d-droga KB 157.2009 kollha ezebita tigi debitament distrutta.

Il-Qorti qieghda minnufih tikkomunika din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------